

- interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, li jakkumula b'rata annwali ugwali għall-aggregat ta' (i) 2,5 % (250 punt bażi) u (ii) ir-rata pagabbli taħt l-Artikolu 3.01, sakemm isir il-ħlas.
- il-ħlas tas-somom kollha relatati ma' dawn il-proċeduri skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed.

L-ewwel u l-uniku motiv ibbażat fuq li r-Repubblika Għarbija Sirjana kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt l-Artikoli 3.01 u 4.01 tal-Ftehim ta' Self li tagħmel il-ħlas tal-pagamenti ulterjuri taħt il-Ftehim ta' Self hekk kif kienu dovuti, mid-9 ta' Awwissu 2017 u taħt l-Artikolu 3.02 tal-Ftehim ta' Self sabiex isir ħlas ta' interessi moratorji fuq kull wieħed mill-pagamenti dovuti u mhux imħalla, li jakkumula bir-rata annwali fihi. Konsegwentement, ir-Repubblika Għarbija Sirjana hija kuntrattwalment obbligata li tħallas l-ammonti kollha dovuti taħt l-Artikoli 3.01, 3.02 u 4.01 tal-Ftehim ta' Self lir-rikorrent (issurrogat għall-pretensionijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment).

Rikors ippreżentat fit-22 ta' Lulju 2022 – BEI vs Is-Sirja

(Kawża T-469/22)

(2022/C 359/111)

Lingwa tal-kawża: l-Inglijz

Partijiet

Rikorrent: Il-Bank Ewropew tal-Investiment (rappreżentanti: D. Arts u E. Paredis, avukati, T. Gilliams, R. Stuart u F. de Borja Oxangoiti Briones, aġenti)

Konvenut: Ir-Repubblika Għarbija Sirjana

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħgħobha timponi fuq ir-Repubblika Għarbija Sirjana:

- il-ħlas tas-somom kollha dovuti skont l-Artikoli 3.01, 3.02 u 4.01 tal-Electricity Distribution Project Loan Agreement (il-Ftehim ta' Self għall-Proġett ta' Distribuzzjoni ta' Elettriku) bin-Nru 20948 (iktar il-quddiem il-“Ftehim ta’ Self”) mid-9 ta' Awwissu 2017 flimkien mad-dritt tiegħu ta’ surroga li jinkludi:
- EUR 28 777 508,71, li huwa l-ammont dovut lil-Unjoni Ewropea fit-30 ta’ Ġunju 2022, li huwa kollu kapital ta’ EUR 27 388 963,40, interessi ta’ EUR 116 091,27 u interessi moratorji kuntrattwali (akkumulati mid-data ta’ skadenza tat-30 ta’ Ġunju 2022) ta’ EUR 1 272 454,04.
- interessi moratorji kuntrattwali ulterjuri, li jakkumula b'rata annwali ugwali għall-ogħla (għal kull perijodu suċċessiv ta’ xahar) ta’ (i) ir-rata interbankarja rilevanti flimkien ma’ 2 % (200 punt bażi) jew (ii) ir-rata pagabbli taħt l-Artikolu 3.01 flimkien ma’ 0,25 % (25 punt bażi), sakemm isir il-ħlas.
- il-ħlas tas-somom kollha relatati ma’ dawn il-proċeduri skont l-Artikolu 134(1) tar-Regoli tal-Proċedura.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors, ir-rikorrent jinvoka motiv wieħed.

L-ewwel u l-uniku motiv ibbażat fuq li r-Repubblika Għarbija Sirjana kisret l-obbligi kuntrattwali tagħha taħt l-Artikoli 3.01 u 4.01 tal-Ftehim ta' Self li tagħmel il-ħlas tal-pagamenti ulterjuri taħt il-Ftehim ta' Self hekk kif kienu dovuti, mid-9 ta' Awwissu 2017 u taħt l-Artikolu 3.02 tal-Ftehim ta' Self sabiex isir ħlas ta' interessi moratorji fuq kull wieħed mill-pagamenti dovuti u mhux imħalla, li jakkumula bir-rata annwali fih. Konsegwentement, ir-Repubblika Għarbija Sirjana hija kuntrattwalment obbligata li tħallas l-ammonti kollha dovuti taħt l-Artikoli 3.01, 3.02 u 4.01 tal-Ftehim ta' Self lir-rikorrent (issurrogat għall-pretensjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment).

Rikors ippreżentat fid-29 ta' Lulju 2022 – QM vs Il-Kunsill

(Kawża T-471/22)

(2022/C 359/112)

Lingwa tal-kawża: il-Bulgaru

Partijiet

Rikorrent: QM (rappreżentant: St. Koev, avukat)

Konvenut: Il-Kunsill tal-Unjoni Ewropea

Talbiet

Ir-rikorrent jitlob li l-Qorti Ġenerali jogħġogħa:

- tiddikjara li r-rikors huwa ammissibbli u fondat fl-intier tiegħu u tiddikjara li l-motivi kollha invokati fir-rikors huma fondati;
- tikkonferma li l-atti kkontestati jistgħu jiġu parżjalment annullati;
- tannulla d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2022/849 tat-30 ta' Mejju 2022 li temenda d-Deċiżjoni 2013/255/PESK dwar miżuri restrittivi kontra s-Sirja⁽¹⁾ sa fejn tikkonċerna lir-rikorrent;
- tannulla r-Regolament ta' Implementazzjoni tal-Kunsill (UE) 2022/840 tat-30 ta' Mejju 2022 li jimplimenta r-Regolament (UE) Nru 36/2012 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fis-Sirja⁽²⁾ sa fejn jikkonċerna lir-rikorrent;
- tikkundanna lill-Kunsill tal-Unjoni Ewropea għall-ispejjeż legali tar-rikorrent, għall-ispejjeż, għall-onorarji u għal spejjeż oħra marbuta mad-difiża tiegħu.

Motivi u argumenti prinċipali

Insostenn tar-rikors tiegħu, ir-rikorrent jinvoka seba' motivi.

1. L-ewwel motiv: ksur serju tad-drittijiet tad-difiża u tad-dritt għal smiġħ xieraq.
2. It-tieni motiv: ksur tal-obbligu ta' motivazzjoni min-naħħa tal-Kunsill.
3. It-tielet motiv: ksur tad-dritt għal protezzjoni ġudizzjarja effettiva.
4. Ir-raba' motiv: żball ta' evalwazzjoni min-naħħa tal-Kunsill.
5. Il-ħames motiv: ksur tad-dritt għall-proprjetà, tal-prinċipju ta' proporzjonalità u tal-libertà ekonomika.